**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum it-2 ta' Marzu, 2023**

**Rikors numru: 07/2022 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Raymond u Maria Hilda konjuġi Grech**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u tal-Kostruzzjoni u Francesco Grima li ġie kjamat in kawża b'digriet mogħti nhar l-10 ta' Novembru, 2022.**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellanti li permezz tiegħu huma qiegħdin jappellaw mid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni ('l-Awtorità) ta' nhar l-24 ta' Awissu 2022 ('id-Deċiżjoni') li permezz tagħha l-Awtorità awtorizzat li jitkomplew x-xogħlijiet rimanenti fuq is-sit mertu tal-permess PA/09755/19 ('il-Permess'):

> *Illi l-Awtorità` tal-Bini u l-Kostruzzjoni harget zewg stop notices wiehed datat 20 ta' Lulju 2021 u t-tieni wiehed datat 5 ta' Ottubru 2021;*
>
> *Illi l-perit Alexander Bigeni ghall-izviluppatur kien appella quddiem il-Bord dwar irRegolamenti tal-Bini nhar id-19 ta' Novembru 2021, liema appell gie irtirat b' digriet tal-istess Bord nhar is-26 t' Awwissu 2022;*
>
> *Illi nhar l-24 t' Awissu 2022 l-Awtorità` tal-Bini u l-Kostruzzjoni harget decizjoni li biha awtorizzat li jitkompla x-xogholijiet rimanenti fuq is-sit in kwistjoni, annessa ma dan ir-rikors;*

*Illi din id-decizjoni tal-24 t' Awissu 2022 ma gietx ippubblikata fuq l-eapps u lanqas mid-DoI skond id-dettami tal-Ligi. Barra minn hekk l-esponenti lanqas gew notifikati b' din id-decizjoni u saru jafu biha ghax giet esebita bħala dokument fi proceduri separati li l-izviluppatur ghandu kontra t-terzi persuni quddiem il-Qorti Civili;*

*Dana jfisser li d-decizjoni li hadet l-Awtorità` nhar l-24 t' Awissu 2022 giet notifikata biss lill-izviluppatur u l-perit tieghu, filwaqt li t-terzi persuni, qua esponenti, thallew fil-ghama;*

*L-esponenti hassew ruhhom aggravati b' din id-decizjoni u b' dan l-agir tal-Awtorità` u qed jinterponu dan l-umili appell quddiem dan it-Tribunal skond is-segwenti aggravji;*

***L-ewwel agravju***

*Illi l-Awtorità` tal-Bini u l-Kostruzzjoni ma kellhiex il-jedd li tohrog l-ebda komunikazzjoni jew decizjoni rigwardanti l-istess mertu li kien ghadu pendent u qed jigi trattat quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini;*

*Il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini kien dak il-forum kompetenti ta' natura quasigudizjarja li gie mwaqqaf propju biex jisma appelli minn decizjoni tal-Awtorità` gja kien ghalhekk il-predecessur ta' dan l-Onorabbli Tribunal. Illi l-esponenti jirrilevaw illi kien hemm proceduri quddiem dan l-imsemmi Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini li jikkoncernaw decizjonijiet li hadet l-Awtorità` fuq dan il-permess odjern u li f' dawn il-proceduri l-Awtorità` tal-Bini u l-Kostruzzjoni kienet parti intimata;*

*Ghalhekk fl-andament tal-proceduri quddiem il-Bord, l-Awtorità` ma setghet qatt tagixxi jew tohrog decizjonijiet godda li bihom tistultifika jew iggib fix-xejn proceduri ta' natura quasi-gudizzjarja mwaqfa apposta skond il-Ligi li kienu qed jittiehdu filkonfront taghha stess;*

*Illi dan jmur kontra l-ispirtu tal-Ligi Amministrattiva u johloq skwilibriju fi processi legali intizi biex jizguraw principji bazilari u s-saltna tad-dritt;*

*Illi l-esponenti jirrilevaw li dan kollu gara a skapitu tad-drittijiet taghhom bhala terzi persuni u a detriment tad-drittijiet taghhom u trattament ekwu u gust skond id-dritt amministrattiv.*

*Ghalhekk minhabba f'hekk ghandha tigi revokata d-decisjoni msemmija li qed tigi appellata u l-partijiet jitpoggew fi status quo ante qabel ma ittiehdet din id-decizzjoni.*

***It-tieni aggravju***

*Marbut mal-aggravju precedenti l-Awtorità` tal-Bini u l-Kostruzzjoni ma setghet qatt taghmel skrutinju u/jew xi forma ta' analizi ta' dak li gie sottomess f' RED 284a ta' dan il-permess mill-Perit Alexander Bigeni;*

*Talli sottomissjoni li tinsab f' RED 284a tal-permess – "Method statement for Excavation Works" kienet mitluba li tigi sottomessa quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini li quddiemu kien qed jinstema l-appell marbut ma din il-kwistjoni kollha;*

*L-Awtorità` tal-Bini u l-Kostruzzjoni li kienet parti intimata fil-proceduri quddiem ilBord dwar ir-Regolamenti tal-Bini kienet konsapevoli u edotta mill-verbali quddiem l-istess Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini li tali sottomissjoni tal-Method Statement kienet mitluba biex issir fl-atti tal-Bord u l-partijiet imbghad jinghataw ic-cans li jirrispondu;*

*Nonostante dan kollu RED 284a qatt ma gie intavolat fl-atti tal-appell quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini u minflok inghata ghall-iskrutinju tal-Awtorità` tal-Bini u l-Konstruzzjoni. Din tal-ahhar kellha skond id-dettami tal-Ligi Amministrattiva tirreferi dik is-sottomissjoni quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini; izda minflok, l-Awtorità` imxiet ultra vires u hadet decizzjoni unilaterali li tfixkel u tistultifika l-process quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini;*

*Ghalhekk anke minhabba f'hekk ghandha tigi revokata d-decisjoni msemmija li qed tigi appellata u l-partijiet jitpoggew fi status quo ante qabel ma ittiehdet din iddecizzjoni.*

***It-tielet aggravju***

*Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorità` tal-Bini u l-Kostruzzjoni mhux talli qatt ma kellha l-jedd li tiddeciedi u/jew tohrog komunikat fuq kwistjoni marbuta ma dak li kien qed jigi mistharreg quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini; izda fliskrutinju taghha ta' dak li gie sottomess f' RED 284a tal-permess lanqas biss semghet ir-reazzjonijiet tat-terzi persuni qua esponenti;*

*L-Awtorità` iddecidiet minghajr ma semghet it-tekniku tat-terzi persuni minkejja li listess perit tekniku taghhom kien ukoll involut quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini u kien ukoll assocja ruhhu fil-kaz ghan-nom tal-esponenti;*

*Illi dan l-attegjament da parti tal-Awtorità` tal-Bini u Kostruzzjoni m'huwa xejn ghajr abbuz ta' poter biex tigi agevolata xi entita` a skapitu tat-terzi persuni qua esponenti li suppost din l-Awtorità` stess hija mwaqqfa ghal-harsien taghhom u biex jigu evitati hsarat lill-propjeta` tal-istess esponenti;*

*Minhabba dan l-aggravju ghandha ukoll tigi revokata d-decizjoni msemmija li qed tigi appellata u l-partijiet jitpoggew fi status quo ante qabel ma ittiehdet din id-decizzjoni.*

*Fid-dawl tas-suespost kollu, ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu sabiex tigi revokata ddecizjoni tal-Awtorità` tal-Bini u l-Kostruzzjoni datata 24 t' Awissu 2022 in toto u tordna li l-partijiet jitqeghdu fi status quo ante qabel ma ittiehdet din id-decizzjoni, salv kull provediment iehor li jista jipprovdi ghalih dan it-Tribunal;*

*Fic-cirkostanzi tal-kaz u tenut kont tal-pregudizzju u l-irreparabilita` li tista ggib maghha d-decizjoni li qed tigi appellata, l-esponenti qed jitolbu s-sospensjoin taddecizjoni li qed tigi appellata sakemm jinqata l-appell u dana ai termini tal-artikolu 45 tal-Kap. 623 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*L-esponenti jzomm ferm li jipproduci xhieda u dokumentazzjoni relevanti fi stadju tal-provi quddiem dan it-Tribunal.*

Ra r-risposta tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

*1. Illi fl-ewwel lok, l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

*2. Illi hekk kif ser jiġi muri fit-trattazzjoni quddiem dan l-Onor. Tribunal il-fatti kif elenkati mil-appellant huwa ineżatti;*

*3. Illi l-appellant jagħmel aċċen għal-artikolu 12 tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament fejn l-Awtorità hija mitluba sabiex tagħti motivazzjoni għal kull deċiżjoni li tingħata;*

*4. Illi rigward l-ewwel (1) aggravju, l-esponenti Awtorità tirrileva li lkaż kien di fatti pendenti quddiem il-BRB, l-istess permezz tasseduta datata 16 ta' Marzu 2022, intalab mil-appellant " sabiex jissottometti r-rapporti neċessarji, ossia rapport ġeotekniku li jkun rapport fattwali li jirreferi għall-ittestjar ta' kampjuni mis-sit in kwistjoni, kif ukoll li l-kalkoli fil-method statements relattivi għandhom jiġu riveduti biex jirriflettu l-figuri li jirriżultaw minn dawn il-kampjuni. Il-Bord talab ukoll lill-Perit Alexander Bigeni sabiex jirrevedi l-method statements jekk ikun ilkaż skont ir-rapport ġeotekniku, u dana sat-30 ta' April 2022.", hekk kif jidher mil-anness verbali, mmarkat bħala DOK A;*

*5. Illi wara li dak li kien nieqes, b'ordni tal-BRB ġie sottomess u wkoll analizzat mil-BCA, l-Awtorità ħarġet il-"clearance" neċessarja, liema kien għas-sodisfazzjon tal-BRB li iddeċieda li l-mertu tal-appell kien ġie eżawrit;*

*6. Illi ma huwiex minnhu, u bl-ebda mod, l-Awtorità aġixxiet kontra lliġi ammistrattiva, jew konra il-prinċipji tal-ġustizzja naturali;*

*7. Illi rigwardanti t-tieni (2) aggravju, l-Awtorità terġa itenni, li kull evalwazzjoni saret fir-remit tagħha, u dejjem skont dak indikat milBRB, u xejn aktar, u kwindi ma taqbilx u tipprotesta bl-akbar qawwa li d-deċiżjoni ittieħdet sabiex ikunu b'xi mod eġavolati entitajiet a skaptu ta' terzi persuni;*

*Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern in toto.*

Ra illi permezz ta' rikors intavolat mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni hija talbet sabiex jiġi kjamat fil-kawża l-applikant tal-permess bin-numru PA/09755/2019 ossia Francesco Grima. Wara li ta lill-appellant żmien sabiex jippreżentaw ir-risposta tagħhom f'dan ir-rigward, it-Tribunal permezz ta' digriet mogħti nhar l-10 ta' Novembru, 2022, laqa' t-talba biex b'hekk Francesco Grima ġie kjamat fil-kawża;

Ra r-risposta ta' Francesco Grima li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

*Bid-dovut rispett, l-esponenti Grima jitlob illi l-appell interpost mill-Appellanti jiġi miċħud stante illi l-istess appell huwa żbaljat kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.*

*Illi jidher illi l-appell qiegħed isir in segwitu tal-fatt illi wara li l-esponenti kien ottempra ruħu ma dak li kien mitlub li jagħmel minn dan l-istess Tribunal, u wara analiżi li saret mill-Awtorità, tqies illi l-ordni ta' waqfien li kienet inħarġet ma kienetx aktar timmerita li tibqa' fis-seħħ, tant illi l-istess kienet ġiet irtirata. Illi kien għalhekk ukoll illi l-istess Tribunal ma ħax iżjed konjizzjoni tal-appell li kien interpost quddiemu stante li l-mertu kien eżawrit.*

*Illi f'dan il-kuntest wieħed allura irid jistabilixxi jekk it-terz appellant għandux id-dritt li jappella f'dan l-istadju u jekk tali appell huwiex leġittimu u skond il-Liġi.*

*Illi kuntrarju għal dak allegat, sta għall-Awtorità Appellata li tara illi dak sottomess huwiex in linea ma dak li titlob il-Liġi u dan huwa dak li ġara fil-każ odjern. Id-dokumentazzjoni sottomessa, dejjem skond dak li anke ġie verbalizzat fil-mori tal-appell preċedenti, saret skond dak dettat mill-istess Tribunal, u wara li ġie verifikat dan, l-Awtorità mexiet biex tiddikjara li dak li kellu jiġi sottomess fil-fatt ġie sottomess.*

*Illi dan ukoll dejjem fl-ispirtu illi x-xogħolijiet qegħdin isiru taħt id-direzzjoni u s-superviżjoni ta' Perit li fl-aħħar mill-aħħar fuqu hija r-responsabbilita dak li propost li jsir fuqu is-sit.*

*Illi f' kull każ minn dak sottomess jidher ċar illi x-xogħlijiet ma jesponux lit-terzi għall-ebda riskju u għaldaqstant ix-xogħlijiet huma u għandhom jibqgħu awtorizzati sabiex jitkomplew.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal għandu jiċħad l-appell interpost.*

Ra illi permezz ta' deċiżjoni preliminari mogħija nhar it-12 ta' Jannar, 2023, dan it-Tribunal ċaħad it-talba tal-appellanti sabiex id-deċiżjoni tal-Awtorità ta' nhar l-24 ta' Awissu, 2022 tiġi sospiża.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet finali preżentati mill-parijiet;

Ra li l-kawża tħalliet għas-senteza għal-llum.

**Ikkunsidra**

Illi dan huwa appell minn deċiżjoni tal-Awtorità li wara li kienu inbdew proċeduri ta' appell quddiem il-Bord dwar ir-Regolament tal-Bini, propju mill-applikant tal-permess, l-Awtorità ħadet deċiżjoni li permezz tagħha awtorizzat li jitkomplew ix-xogħlijiet fuq is-sit in kwistjoni liema xogħlijiet kienu weqfin in segwitu ta' żewġ deċiżjoni tal-Awtorità stess. Jirriżulta li sussegwentament għad-Deċiżjoni, l-applikant ċeda l-proċeduri li huwa kien intavola quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini.

*Rigward l-ewwel aggravju*

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Awtorità ma kellhiex il-jedd li toħroġ l-ebda komunikazzjoni jew deċiżjoni rigwardanti l-istess mertu li kien għadu pendenti u qed jiġi

trattat quddiem il-Bord dwar ir-Regolament tal-Bini. L-appellant jargumenta li dan ħoloq skwilibriju fil-proċess legali.

Mill-provi prodotti, speċifikament minn analiżi tal-proċess li kien għaddej quddiem il-Bord dwar ir-Regolament tal-Bini jirriżulta b'mod ċar, minn verbal ta' seduta datata s-16 ta' Marzu, 2022 li kien il-Bord stess li talab sabiex jiġi sottomess rapport ġeotekniku u sabiex issir kwalunkwe reviżjoni li huwa meħtieġ li jsir għall-*method statement* wara li jkun sar l-istess rapport. In segwitu ta' dan, l-appellant proċeda sabiex għamel dan u sussegwentament għall-istess reviżjoni, l-Awtorità waslet għad-deċiżjoni tagħha li tħassar id-deċiżjoni preċedenti li kienet qed twaqqaf ix-xogħlijiet in kwistjoni nhar l-24 ta' Awissu, 2022. Dan wassal sabiex nhar il-25 t' Awissu, 2022, il-perit tal-applikant irtira l-appell intavolat quddiem il-Bord dwar ir-Regolament tal-Bini u permezz ta' digriet datat is-26 t' Awissu, 2022, l-istess Bord għadda sabiex irtira l-istess.

It-Tribunal ma jara xejn estraneu għal dan il-proċess adottat. F'materja fejn ir-raġuni tat-twaqqif tax-xogħolijiet kienet propju preokupazzjonijiet imqajjma minn terz interessat u li kellhom jiġu indirizzati permezz ta' reviżjoni fil-*method statement,* l-Awtorità hija mistennija li fejn l-applikant jagħmel tentattivi sabiex jindirizza l-preokupazzjonijiet imqajma, sta għall-Awtorità li appena hija jkollha iċ-ċertezza li dawk il-preokupazzjonijiet ġew indirizzati, tirrevedi d-deċiżjoni tagħha u tiddetermina jekk dik id-deċiżjoni tkunx meritata li tibqa' fis-seħħ. Sitwazzjoni fejn l-applikant ma jkunx jista' jirrimedja s-sitwazzjoni tiegħu tul proċess ta' appell li jkun fetaħ hu stess, kif donnu qiegħed jippretendi l-appellant, tkun leżiva tad-drittijiet tal-applikant u ma toħloqx il-bilanċ mistenni mil-liġi. Ir-rimedju li għandu t-terz interessat huwa ċar u ossia li jqajjem oġġezzjonijiet għal kwalunkwe dokument li jista' jiġi preżentat mill-applikant, kif fil-fatt sar fil-każ odjern. Mill-banda l-oħra r-rimedju li għandu jkollu l-applikant għandu jkun tant ieħor ċar, tali li fejn huwa jkun jista' jindirizza dawk l-oġġezzjonijiet huwa għandu jkollu l-opportunita' li jagħmel dan. Imbaghad sta għall-Awtorità li fejn tqis li dawk il-preokupazzjonijiet ġew indirizzati tieħu d-deċiżjoni opportuna tagħha. Mill-provi prodotti, b'mod partikolari mix-xhieda mogħtija mill-perit Milan Zravkovic tul is-seduta ta' nhar it-8 ta' Frar, 2023, ipoġġi lit-Tribunal f'konvinzjoni li skrutinju tad-dokumentazzjoni sar u sar kif rikjest mil-liġi. Propju wara li sar dak l-iskrutinju l-Awtorità għaddiet sabiex dawret id-deċiżjoni tagħha u awtorizzat it-tkomplija tax-xogħolijiet.

It-Tribunal ikkunsidra fid-dettal l-ilment li qed jiġi magħmul mill-appellant bħala parti minn dan l-aggravju li in suċċint jikkunsidra li appena kien hemm il-proċeduri għaddejin quddiem il-Bord dwar ir-Regolament tal-Bini kontra l-Awtorità, hija ma kellha qatt tasal għal dik id-deċiżjoni meta l-mertu tiegħu kien għadu qed jiġi trattat. It-Tribunal ma jistax jaqbel ma dan ir-raġunar. It-Tribunal japprezza li kien l-applikant stess li intavola l-proċeduri ta' appell quddiem il-Bord. Fid-dawl ta' dan ma jreġix li jiġi argumentat li in segwitu ta' dawk il-proċeduri, l-istess applikant ma jistax ikun f'posizzjoni li jirrimedja s-sitwazzjoni tiegħu billi jagħmel l-emendi neċessarji u f'każ li dawk l-emendi ikunu għas-sodisfazzjon tal-Awtorità iwasslu sabiex id-deċiżjoni preċedenti tiġi revokata.

It-Tribunal ma jsib ebda raġuni li trendi l-proċess addotat bħala wieħed illegali u għaldaqstant iqis illi l-ewwel aggravju tal-appellant ma huwiex mistħoqq u jiċħdu.

*Rigward it-tieni aggravju*

It-tieni aggravju huwa allaċjat propju mal-ewwel aggravju u dan *stante* li huwa ppernjat fuq is-sottomissjoni li l-Awtorità ma setgħet qatt tagħmel skrutinju ta' dak li kien ġie sottomess mill-perit tal-applikant u ċioe' l-'*Method Statement for Excavation Works*'. Huwa jargumenta li dina d-dokumentazzjoni kienet mitluba li tiġi sottomessa quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini.

It-Tribunal jifhem li l-Awtorità kienet il-parti l-oħra fil-proċeduri li kienu għaddejin quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini. Huwa ċar ukoll li dak id-dokument bħala reviżjoni ta' *method statement* preċedenti kien ġie mitlub u ġie xprunat bħala parti mill-proċeduri li kienu għaddejin quddiem il-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini. Huwa minn lewn id-dinja li appena dan id-dokument ġie sottomess, l-Awtorità kellha l-obbligu li tixtarru, teżaminah u tiskrutinizzah sabiex tkun tista' tasal għall-konklużjoni jekk dak li preċedentament wassal sabiex twaqqfu x-xogħlijiet ġiex riżolt. It-Tribunal ma jaqbilx mal-argument magħmul mill-appellant li l-Awtorità ma setgħetx tagħmel skrutinju tad-dokument sottomess. Il-kontra hija r-realta' u dan *stante* li huwa l-obbligu tal-Awtorità li tiskrutinja u tanalizza dokumenti sottomessi.

L-Avviż Legali 136 tal-2019 jittratta l-proċedura għar-rigward ta' reviżjonijiet tad-dikjarazzjoni tal-metodu f'artikolu 7 u artikolu 12. F'sub-artikolu 7(13) tiegħu jgħid:

*(13) Meta ordni ta' waqfien maħruġa mid-Direttur tiġi revokata, it-tkomplija ta' kwalunkwe xogħol ta' skavar, twaqqigħ jew kostruzzjoni deskritta f'dik l-ordni tista' tidħol fis-seħħ biss wara li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tipprovdi awtorizzazzjoni bilmiktub.*

Min naħa l-oħra f'artikolu 12 jingħad:

*12. Id-Direttur għandu, għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni li jaqaw taħt xi waħda (1) mill-kategoriji tax-xogħlijiet elenkati fir-regolament 4:*

*(a) jivverifika li d-dikjarazzjoni tal-metodu ġiet sottomessa skont dawn ir-regolamenti;*

*(b) jirrevedi d-dikjarazzjoni tal-metodu, jekk sottomissjoni tiġi riċevuta minn terzi persuni li tallega li ddikjarazzjoni tal-metodu ma tipprovdix għal sigurtà adegwata u, jew mhux skont dawn ir-regolamenti;*

*(ċ) jivverifika li xogħlijiet ta' demolizzjoni, skavar u, jew kostruzzjoni huma koperti minn polza tal-assigurazzjoni li tkopri terzi persuni, skont dawn ir-regolamenti; u*

*(d) jissorvelja l-metodoloġiji li qed jintużaw fuq is-sit u jara li huma konformi mad-dikjarazzjoni tal-metodu sottomessa u skont dawn ir-regolamenti.*

Minn dak suespost ma jirriżultax li l-Awtorità kienet b'xi mod bi ksur ta' dawn iż-żewġ artikoli u għaldaqstant it-Tribunal iqis illi it-tieni aggravju għandu jiġi revokat ukoll.

*Rigward it-tielet aggravju*

It-tielet aggravju tal-appellant huwa bbażat fuq il-premessa li n-nuqqas tal-Awtorità li tisma' r-reazzjonijiet tat-terzi persuni wara li ġie preżentat il-*method statement* rivedut renda t-tali deċiżjoni bħala waħda arbitrarja. L-appellant jagħmel referenza speċifika għan-nuqqas li l-Awtorità tisma l-opinjoni tat-tekniċi li kien ingaġġa l-appellant stess. Il-kritika kontra l-Awtorità hija li dan huwa abbuż tal-poter u jimmina l-funzjoni tal-istess Awtorità f'li tħares id-drittijiet ta' terzi persuni bħall-appellant.

Jirriżulta li fil-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2022 quddiem il-Bord dwar ir-Regolament tal-Bini, l-appellant kien preżenti u kien ingħata l-opportunita' li jippreżenta ir-risposta tiegħu

in segwitu għar-reviżjonijiet li kienu ġew mitluba mill-applikant tal-Permess. L-applikant ma bagħatx ir-rapport u r-reviżjonijiet mitluba fiż-żmien iżda bathom ferm wara l-perjodu mogħti lilu mill-Bord dwar ir-Regolamenti tal-Bini. Dan fil-fatt wassal, kif konfermat mill-perit tal-appellant f'dawn il-proċeduri, Robert Grech, li l-istess perit ma laħaqx issottometta r-reazzjonijiet tiegħu għal dawn ir-reviżjonijiet *stante* li l-Awtorità proċediet sabiex tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha għat-tkomplija tax-xogħlijiet fin-nuqqas tal-istess reazzjonijiet. Meta l-perit Robert Grech kiteb lill-Awtorità nhar id-29 ta' Awwissu 2022, l-Awtorità rrispondiet billi infurmatu li r-reviżjonijiet magħmula ġew analizzati mill-awdituri esterni tal-Awtorità u għab-bażi ta' dan ingħatat id-deċiżjoni ta' nhar l-24 ta' Awwissu, 2022.

It-Tribunal jerġa' jagħmel referenza għal artikolu 12 tal-Avviż Legali 136 tal-2019 liema artikolu ma jimponix fuq l-Awtorità l-obbligu li tistieden terzi interessati sabiex jagħmlu s-sottomissjonijiet tekniċi tagħhom. Lanqas ma jidher li dan id-dritt, u ċioe li jsiru sottomissjonijiet tekniċi da parti tat-terz interessat ma ġie b'xi mod imċaħħad minnhu kemm qabel u lanqas wara li ingħatat id-Deċiżjoni.

L-appellant jallega li dan il-proċess kien ivvizzjat minn kollużjoni bejn l-Awtorità u l-applikant. It-Tribunal fela bir-reqqa l-proċess u l-provi prodotti u ma jirriżultax pruvat din il-kollużjoni minn fejn toħroġ.

Għaldaqstant it-Tribunal ma jara ebda ksur tad-drittijiet tal-appellant u jgħaddi sabiex jiċħad it-tielet aggravju ukoll.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-Tribunal qiegħed jiċħad l-appell tal-appellanti Raymond u Maria Hilda konjuġi Grech u jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni ta' nhar l-24 ta' Awwissu, 2022 għar-rigward tal-permess PA/09755/19.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |